# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 28 ta' Novembru 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 415 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 17**

**TB u JB**

**Vs**

**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 21 ta' Awwissu 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi, l-partijiet iżżewġu nhar il-ħdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u għaxra (2010), fir-Reġistru Pubbliku ġewwa l-Belt Valletta (Malta) hekk kif jidher miċ-ċertifikat tat-żwieġ bin-numru wara l-ieħor tar-reġistru wieħed, sitta, sitta, tnejn żbarra tnejn, żero, wieħed, żero, liema ċertifikat qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala '**Dokument A'**;*

2. *Illi, minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt wlied, AB mwielda f' X u LB mwieled f' Y;*

3. *Illi, l-partijiet ilhom de jure separati mil-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn, u dsatax (2019), hekk kif jidher mill-kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Charlene Mizzi, liema kuntratt ta' separazzjoni personali qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **'Dokument B'**;*

4. *Illi, ma hemm ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

5. *Illi, l-partijiet irrinunzjaw b'mod reċiproku, assolut u irrevokabbli għal-kwalunkwe manteniment fil-konfront ta' xulxin;*

6. *Illi, m' hemm pendenzi fir-rigward tal-manteniment dovut lil wlied, hekk kif il-manteniment qiegħed jiġi mħallas bil-mod deskritt fil-kuntratt ta' separazzjoni, ossija qiegħed jiġi mħallas l-ammont ta' erbgħa mitt (€400) fix-xahar;*

7. *Illi, dawn il-fatti hekk kif dedotti jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib ta' divorzju, in linja mal-Artikolu 66A et seq. tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16, tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi, TB u JB, jafu b'dawn il-fatti personalment, liema fatti ġew konfermati bil-ġurament fl-affidavit tar-rikorrenti, liema affidavit qedgħin jiġi hawn anness u mmarkat bħala* ***'Dokument Ċ u D'*** *rispettivament;*

9. *Illi, r-rikorrenti JB ser iżżomm il-kunjom li kien assenjat lilha wara z-żwieġ, u cioe dak ta` 'B'.*

*Għaldaqstant r-rikorrenti jitolbu bir-rispett u reverentament lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi jogħġobha:*

*i.* **Tippronunzja,** *d-divorzju, ossija l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

*ii.* **Tordna,** *lir-Reġistru tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'dan il-ħall taż-żwieġ.*

*Bl-ispejjeż ikunu kollha diviżi ugwalment bejn il-partijiet.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**TB xehed** (vide affidavit fol 18) illi huma izzewgu nhar il-11 ta' Settembru 2010. Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied li ghadhom minorenni. Xehed illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar l-14 ta' Frar 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Charlene Mizzi. Hu ikkonferma li ilhom separati legalment mis-sena 2019. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**JB xehdet** (vide affidavit fol 19) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data***

*li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Settembru 2010 liema zwieg jgib certifikat numru 1662/2010 (Vide certifikat taz-zwieg, DOK A fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Charlene Mizzi nhar l-14 ta' Frar 2019 (Vide fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1662/2010 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes ghandhom jithallsu ugwalment miz-zewg partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**